**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A64/11

9 ta' Novembru 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/64**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir l-**Erbgħa 16 ta' Novembru 2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. *Update* ta' *Tenders - GLC002/2010 Mixed Household Waste –LC003/2010 Public Private Partnership*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Trial Balance July – September 2011- 3rd Quarterly Report*.
7. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Budget 2011*
8. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' emendi fil-*Bye-Laws* – Reklamar fuq Għamara fit-Toroq
9. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet *GLC10/2011 Playing Field Equipment & GLC11/2011 Supply & Install of Outdoor Gym and Equipment.*
10. Diskussjoni u Approvazzjoni t'Attivitajiet skont Memo 89/2011 B'risq il-*Community Chest Fund*
11. Diskussjoni dwar il-Patt tas-Sindki
12. Affarijiet oħra
13. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

12 ta' Diċembru 2011

Ref Nru.Klg5/064

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/64 li saret l-Erbgħa 16 ta'Novembru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għall-parti mill-laqgħa, l-*Accountant* Johanna Caruana u l-Perit Joe Bugeja.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fid-9 ta' Novembru 2011.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/64 tas-16 ta' Novembru 2011, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** B'eżitu ta' ratifika li ntalbet mill-Viċi-Sindku ġie deċiż, b'mozzjoni mressqa minnu, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li ssir korrezzjoni fuq il-minuti stess, li jiġu nizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, sabiex f'paġna 3 para 2.7 jitneħħa l-isem 'Pio Farrugia'.

Il-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru:2 para 2.1** – Il-Kunsill ġie nfurmat, li filwaqt li s-Sur Montanaro rringrazzja lill-Kunsill, xtaq jagħmel laqgħa miegħu qabel ma jipproċedi bil-każ. Invista tal-fatt, li l-Kunsill kien qed iħejji biex jiffirma l-iskrittura privata mas-Sur Montanaro kif deċiż fil-laqgħat preċedenti, abazi tas-suġġeriment imressaq, iċ-*Chairman*, talab kopja tiegħu sabiex jirrivedih liema reviżjoni għandha terġa' tintbagħat għall-attenzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill.

Fir-rispett ta' Triq D'Argens il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li għandha tinkiteb ittra liċ-*Chief Executive Officer* tat-*Transport Malta* Dott Stanley Portelli sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat x'*liability* hemm fuq l-iżvilupp infrastrutturali u dan anke in vista ta' lmenti li l-Kunsill qed jirċievi dwar *road surface settlement*, partikularment quddiem residenti 248, 194 u *Muscat Showrooms* b'din ta' l-aħħar anke inqalgħu partijiet mill-wiċċ tat-triq.

**2.2 Paġna Nru: 2 para 2.2 -** Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu fit-28 t'Ottubru 2011, mar-rappreżentanti tad-ditta *Vodafone* fejn matula kien reġa' ressaq it-talba oriġinali lil din id-ditta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li in segwitu ta' din il-laqgħa, kienet bagħtet *e-mail* fil-31 t'Ottubru 2011 iżda, sa dak in-nhar tal-laqgħa ma kienet irċievet ebda risposta.

**2.3 Paġna Nru: 3 para 2.7** – Inqrat ir-risposta mill-Avukat tal-Kunsill dwar l-interpretazzjoni legali tas-Sejħa għall-Offerti li kienet mirbuħa mid-ditta *R.S.L.*

Filwaqt, li l-Viċi-Sindku rrimarka li d-ditta *R.S.L.* kienet taf li l-Perit għandu jiċċertifika x-xogħol kif hemm imnizzel fid-dokument ta' l-offerta, l-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, mal-parir mogħti mill-Avukat u cioe', li kull xogħol imħallas mill-Kunsill, għandu jkun iċ-ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill u dan anke skont is-Sejħa għall-Offerti ppubblikata mill-istess Kunsill.

**2.4 Paġna Nru: 3 para 2.9 –** Inqrat l-*e-mail* u ġew murija ritratti mressqa mis-Sur Franco Naudi għan-nom tad-ditta *Active Media Outdoor Advertising*

dwar it-tħassib ta' l-istess ditta għall-permessi ta' *street furniture* fuq *traffic islands.*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill irrikonferma d-deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħat preċedenti kif ukoll, qabel mas-suġġeriment mressaq mill-Kunsillier Ian Micallef, li l-Kunsill m'għandux joħroġ aktar permessi qabel ma jsiru l-installazzjonijiet kollha kif approvati u dan sabiex jiġi evalwat l-impatt viżiv tagħhom.

**2.5 Paġna Nru: 5 para 3.3** – Il-Viċi-Sindku nforma, li kienet appuntata laqgħa mas-Sinjuri Charles Muscat u l-Perit Susanna Bonello għan-nom ta' *Transport Strategy Directorate* fi ħdan it-*Transport Malta* sabiex jiġu verifikati l-permessi kollha li din l-Awtorita' għandha fi Triq Ponsonby qabel ma jsiru x-xogħlijiet ta' sinjali u marki tat-toroq ga la darba l-asfaltar tat-triq kien tlesta.

**2.5.1** Tressqet stima mid-ditta *Uniking International* kif mitlub fil-laqgħa preċedenti, għall- prezz ta' €367.82 VAT inkluża. Il-Viċi-Sindku talab ukoll, li għandhom jiġu implimentati *traffic calming measures* simili, fi Triq Ponsonby minħabba eċċess ta' sewqan.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela kemm man-nefqa hawn fuq imsemmija kif ukoll, li tinġieb stima skont it-talba mressqa mill-Viċi-Sindku.

**2.6 Paġna Nru: 4 para 2.10** – Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-laqgħa appuntata mal-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita' ġiet postposta għat-23 ta' Novembru 2011, fil-11.30 a.m. fil-Ministeru.

Iċ-*Chairman* stieden lill-membri preżenti sabiex iressqu xi kummenti li kienu tal-fehma li għandhom ikunu diskussi waqt din il-laqgħa.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kellu nformazzjoni li ċ-Ċentru tas-Saħħa kien ser jiġi trasferit għal San Giljan fattur, li hu ma jaqbilx miegħu għaliex jidher li kull servizz li hawn fil-Gżira, qed jittieħed fl-lokalita' oħra u jħoss li r-residenti Gżirjani għandhom jibqgħu jgawdu s-servizzi governattivi li minn dejjem kienu fil-lokalita' tagħhom.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li hu ma jaqbilx ma' l-argument imressaq mill-Viċi-Sindku għaliex l-iskop ewlieni taċ-Ċentru tas-Saħħa hu, li jagħti servizz tajjeb tas-saħħa u mhux il-lokalita' minn fejn qed jingħata.

B'żieda ma' dak li kien qed jgħid il-Kunsillier Malcolm Camilleri, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li kulħadd hu konxju mill-limitazzjonijiet li ċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Gżira qed joffri, l-Kunsill Lokali m'għandux jasal fl-ebda

konklużjoni qabel ma' jiddiskuti l-materja mal-Ministru konċernat. Hu kompla jgħid, li l-Kunsill għandu aktar jassigura li jkun hemm trasport adegwat lejn il-post magħżul, għaliex jippreferi li r-residenti jkollhom il-mezzi kollha li jiffaċilitalhom l-aċċess għal Ċentru tas-Saħħa aktar modern mgħammar bil-faċilitajiet kollha.

Iċ-*Chairman* qal, li l-iskop tad-diskussjoni kien bħala *fact finding session* u dan anke invista ma' l-informazzjoni li kien għadu kemm għadda l-Viċi-Sindku.

Rigward it-trasferiment tad-Dar ta' l-Anzjani, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li sa fejn hu nfurmat, id-Dar ta' l-Anzjani tax-Xatt ser tiġi trasferita għall-Isptar Zammit Clapp għaliex anke f'dan il-każ, il-post hu limitat u għalhekk ma jippermettix li jiġu mplimentati l-miżuri kollha li kull dar ta' l-Anzjani jrid ikollha skont l-i*standards*.

Iċ-*Chairman* wieġeb, li jekk ikun il-każ, hu ta' l-opinjoni li filwaqt li d-Dar ta' l-Anzjani eżistenti fix-Xatt tibqa' funzjonabbli, jiġi offrut ukoll is-servizz mill-Isptar Zammit Clapp u b'hekk tkun qed tlaħħaq aktar mad-domanda li hawn f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-Ministru konċernat kien diġa' wieġeb waqt waħda mis-sezzjonijiet tal-Parliament għall-osservazzjoni simili li kien għadu kif ressaq iċ-*Chairman*.

Għall-kumment tal-Viċi-Sindku li l-lokalita' kienet qed tiġi trattata b'mod inferjuri minn lokalitajiet oħra bħal Tas-Sliema u San Giljan, il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb li l-argument primarju hu x'servizz ser toffri lir-residenti.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-prassi li l-Gvern Ċentrali juża hi, li l-Anzjani għandhom jibqgħu fil-lokalita' tagħhom fattur, li bid-deċiżjoni li ttieħdet, imur kontriha.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li hu tal-fehma li l-Gvern għandu jinvesti fil-lokalita'

La darba ma kienx hemm aktar kummenti, ċ-*Chairman* kkonkluda d-diskussjoni filwaqt, li stieden lill-membri preżenti sabiex jekk iridu, jattendu għall-laqgħa.

**2.7 Paġna Nru: 4 para 2.11** – Il-Kunsill ġie nfurmat li sa dak in-nhar tal-laqgħa, kien għadu ma rċieva ebda risposta dwar jekk il-*Billboard* li hemm fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira kienx kopert bil-permessi tad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-Kunsill għandu jerġa' jikteb lil dan id-Dipartiment u jinfurmah li l-Ġnien hu devolut lil dan il-Kunsill u għalhekk, għandu jkun hemm dejjem kunsultazzjoni qabel ma jinħareġ xi permess altrimenti l-permess maħruġ ma jkunx validu.

**2.8 Paġna Nru: 5 para 3.6** – Il-Kunsill stieden lis-Sinjuri Sultana sabiex jidħlu għall-laqgħa u ċ-*Chairman*, talab lis-Sinjura Sultana sabiex tagħti rendikont ta' x'ġara. Wara li ġew eżawriti l-mistoqsijiet kollha u anke saret referenza għall-parir mogħti mill-Avukat tal-Kunsill, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li mill-ammont ta' €175.00 *ex gratia* s-Sinjura Sultana tiġi rimburżata l-ispejjeż relatati biss man-nefqa tan-nuċċali jiġifieri,€155.00 kif ukoll, li tiġi ffirmata ittra mill-istess persuna (Imelda Sultana) li m'għandiex aktar pretenzjonijiet mill-Kunsill Lokali.

**2.9 Paġna Nru: 8 para 10.3 –** Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Ian Micallef jekk il-Kunsill kienx ipprepara l-ittra mitluba, s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja tagħha.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li bħalma hi proċedurali f'dan il-Kunsill, jadderixxi ma' l-istruzzjonijiet mogħtija minn *Transport Malta* u għalhekk, l-ewwel appuntament ta' xogħol li l-kuntrattur ikollu fil-lokalita' l-*parking bay* għandu jinbidel f'*double yellow lines*.

Iċ-*Chairman* żied jgħid, li filwaqt li hu m'għandu l-ebda problema li jaqbel, mad-deċiżjonijiet tat-*Transport Malta* madanakollu, fil-pratika deċiżjonijiet simili joħolqu problemi ta' preċedent.

Il-Kunsillier Ian Micallef talab li quddiem garaxxijiet li l-Kunsill ikun jaf b'ċertezza li dawn ma jintużawx għall-iskop oriġinali tagħhom, il-linji s-sofor għandhom jitneħħew u għamel referenza għall-kaxxa s-safra li hemm quddiem garaxx Nru: 18 Triq San Gorg.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-Uffiċċju kienu wkoll qed jirċievu lmenti li l-garaxx li hemm bieb ma' bieb ma' Casa Bellizzi, Triq Luqa Briffa kien qed jintuża' bħala *workshop* filwaqt, li l-Viċi-Sindku żied jgħid, li hemm diversi każijiet bħal dawn fosthom, żewġ garaxxijiet fi Triq ir-Rebħa.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li ġa la darba għall-każ ta' Triq San Gorg hemm ċertezza, dan għandu jitneħħa u tinżebagħ kaxxa bajda filwaqt, li l-każijiet l-oħra jiġu konfermati.

**2.10 Paġna Nru: 9 para 10.5 –** Abazi tat-talba għall-aġġornament mill-Kunsillier Ian Micallef, il-Kunsillier Anthony Abela wieġeb, li hu kien qed jaħdem fuq id-dokument li jinkorpora l-knis, il-qtugħ tal-ħaxix, is-servizz ta' l-*attendent* tal-latrina pubblika u l-ġbir ta' skart goff.

**2.11** Iċ-*Chairman* talab li la darba kienet waslet l-*Accountant*, il-Kunsill jissospendi l-Aġenda u jiddiskuti *item* 6 u 7.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni tat-*Trial Balances July – September 2011 – 3rd Quartley Report***

**6.1** Iċ-*Chairman* stieden lill-membri sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar dan ir-rapport.

L-*Accountant* Johanna Caruana spjegat kemm ir-rapport kif ukoll, il-mistoqsijiet mressqa mill-Kunsillieri.

Wara li kull punt imressaq ġie eżawrit, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef mat-*Trial Balances* u r-rapport hawn fuq imsemmija (ara *appendix* Nru: 1).

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Budget 2011***

**7.1** Fir-rispett ta' din il-materja, ċ-*Chairman* talab lill-*Accountant* tispjega r-rapport.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku mal-*budget* kif propost (ara *appendix* Nru: 2).

**5. *Update ta' Tenders – GLC002/2010 Mixed Household Waste – GLC003/2010 Public Private Partnership***

***5.1 GLC002/2010 Mixed Household Waste***

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Qorti ffissat is-smiegħ għall-kawża ta' l-appell Mario Borg eżerċenti l-kummerċ bl-isem *Borg Skip Hire Service* vs Kunsill Lokali – il Gżira għas-6 ta' Diċembru 2011, fid-09.00 a.m.

L-Avukat Massimo Vella kkonferma li kien ser jidher għan-nom tal-Kunsill

**5.2 *GLC003/2010 Public Private Partnership***

Daħal għall-laqgħa tal-Kunsill, il-Perit Joe Bugeja

Iċ-*Chairman* stieden lill-Perit sabiex jispjega fid-dettal ir-rapport imħejji minnu dwar x'kienu r-raġunijiet l-għala kien hemm żieda fl-*invoice* ta' €35,608.50 għax-xogħlijiet li saru fi Triq Ponsonby.

Il-Perit Joe Bugeja spjega li kif hemm elenkat fir-rapport, ir-raġunijiet ewlenin li waslu għal din iż-żieda kienu, l-varjanzi segwenti;

- bankini – Triq Ponsonby
- żieda fil-metraġġ minħabba li kellu jsir xogħol fit-toroq laterali
- tibdil tal-kaptelli tas-sufuni li bdew jinkisru waqt il-lant tax-xogħol

***Resurfacing – Triq Sir Frederick C. Ponsonby***

- fil-parti t'isfel tat-triq jiġifieri minn Triq Carlo Manche' direzzjoni lejn ix-Xatt, instab li taħt it-*tarmac* kien hemm *a soft layer* kompost minn ħamrija u għalhekk, ried isir aktar skavar u jingħata ż-żrar (*type 1 gravel*)
- riedet tiġi ndirizzata l-problema ta' l-ilma tax-xita li kienet taffettwa wkoll, it-toroq laterali.
- riedet titneħħa l-problema ta' dar il-ħmar liema livelli, ma setgħux jinħarġu qabel ma saru l-bankini l-ġodda.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* fetaħ id-diskussjoni u stieden lill-membri jressqu l-kummenti tagħhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef talab kopja tal-minuti tal-laqgħa li matula l-Kunsill kien iddeċieda min kellu jirbaħ din is-Sejħa għall-Offerti u qarahom. Hu kompla jgħid, li l-varjanza ammuntat għal somma eżorbitanti b'żieda ta' 'l fuq minn 50% fattur, li ma setgħax jaċċetta u saħaq, li hu mhux *rubber stamp* għaliex kien ċar fl-argument tiegħu fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fil-15 ta' Frar 2011, fejn spjega li s-sottomettent li kien l-għola, kien ġie l-orħos u preżentament, il-Kunsill għandu sitwazzjoni fejn l-orħos reġa' ġie l-għola. Għalhekk, hu staqsa:

- min awtorizza din iż-żieda?
- jekk il-Kunsill Lokali kienx infurmat?

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu kien ser jivvota kontra kull żieda anke, jekk kien hemm xi rappreżentant tal-Kunsill li kien jaf bis-sitwazzjoni fattur, li jpoġġi lill-Kunsill f'pożizzjoni diffiċli.

Il-Kunsillieri Victor Rutter, Malcolm Camilleri u Anthony Abela qablu mal-Kunsillier Ian Micallef.

Il-Viċi-Sindku Joe Camilleri qal, li hu seta' jiġġustifika żieda ta' madwar mitt metru u dan minħabba l-fatt, li saru x-xogħlijiet għall-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li kienu mposti fuq il-Kunsill kif ukoll, li kien minnu li minn Triq Carlo Manche' l-isfel ( *Ta' Tereza Confectionery*) kien hemm problema bil-ħamrija li nstabet iżda, ċaħad li hu ta l-approvazzjoni tiegħu għall-varjanzi msemmija aktar 'l fuq. Hu għamel referenza għas-Segretarju Eżekuttiv fejn qal, li minkejja li dejjem tinfurmah b'kollox, din id-darba ma kienitx qaltlu b'din iż-żieda fl-ammont ta' l-*invoice.*

Iċ-*Chairman* qal, li hu ma kienx ta l-approvazzjoni tiegħu u talab li ma jsir ebda pagament qabel ma l-Kunsill jinvestiga.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li filwaqt li l-Uffiċċju Amministrattiv qatt ma kien infurmat li seta' kien hemm xi varjanza, meta waslet l-*invoice* mid-ditta *Polidano Bros* il-Kunsill, hi nfurmat mill-ewwel lis-Sindku fejn spjegatlu x'kienet taħseb li għandu jsir sabiex tibda tiġi ndirizzata din is-sitwazzjoni u cioe', li jintalab rapport tekniku mill-Perit għal liema rapport, saru kjarifiki u ġew anke imwieġba, sussegwentament ta' liema, titlob l-assistenza ta' l-*Accountant* tal-Kunsill sabiex din id-dokumentazzjoni kollha tkun tista' titressaq għad-diskussjoni u d-deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku kien qabel magħha kif ukoll, kien infurmaha li l-ewwel għandha tiġbor id-dokumentazzjoni kollha u wara tiġi ċirkulata lill-membri tal-Kunsill fattur, li ma setgħax isir qabel il-laqgħa minħabba l-fatt, li l-kjarifiki waslu dak in-nhar stess tal-laqgħa u b'referenza għall-kumment tal-Viċi-Sindku kien għalhekk, li m'għamlet ebda kuntatt miegħu biex tinfurmah b'din iż-żieda fl-*invoice*.

Iċ-*Chairman* ikkonferma, li s-Segretarju Eżekuttiv żammet kuntatt miegħu u imxiet ma' l-istruzzjonijiet mogħtija lilha minnu.

Reġgħet interveniet is-Segretarju Eżekuttiv u qalet, li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jgħaddi kopja tar-rapport tekniku inkluż il-kjarifikazzjonijiet, mħejji mill-Perit tal-Kunsill dwar Triq Ponsonby lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tiegħu. Hi kompliet tgħid, li f'dan l-istadju, l-Kunsill għandu jiddiskuti wkoll, Triq Stuart.

Iċ-*Chairman* konferma li trid tiġi ndirizzata Triq Stuart jekk ser ikun hemm l-istess sitwazzjoni bħal Triq Ponsonby u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-varjanza li jista' jiddeċiedi dwara l-Kunsill waħdu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Perit irid jikkonferma jekk kienx ser ikun hemm varjazzjonijiet għax-xogħlijiet fi Triq Stuart u jekk kienux ser ivarjaw b'aktar minn 10%, għaliex jekk ikun ikonfermat, anke għal Triq Stuart irid jitħejja rapport tekniku biex jiġi preżentat u l-varjazzjonijiet jiġu approvati mid-Dipartiment soprcitat qabel ma jitkompla x-xogħol tar-*resurfacing* f'din it-Triq.

Il-Perit kkonferma, li fi Triq Stuart hemm sitwazzjoni simili bħal dik ta' Triq Ponsonby jiġifieri, dar il-ħmar u għalkemm ma setgħax jikkwantifika l-varjanza f'persentaġġ dak il-ħin waqt il-laqgħa madanakollu, mill-esperjenza tiegħu kien tal-fehma li l-persentaġġ ta' 10% kien ser jinqabeż sew.

Ic-*Chairman* qal, li filwaqt li hu m'għandu l-ebda oġġezzjoni li anke r-rapport ta' Triq Stuart jintbagħat għall-approvazzjoni tad-Dipartiment madanakollu, ma kienx ser jippermetti li jieqaf ix-xogħol fi Triq Stuart.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li filwaqt li tifhem il-pożizzjoni tas-Sindku madanakollu, l-ewwel għandha tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment

qabel mal-Kunsill ikun jista' jipprosegwi b'xogħol li jinkludi varjazzjonijiet li jaċċedu l-10%.

Invista tal-fatt, li l-Kunsill ġie nfurmat waqt il-laqgħa mill-Viċi-Sindku li minħabba x-xogħlijiet ta' l-*Enemalta* intmess it-*tarmac* tat-toroq Carlo Manche u Cameron, is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li skont il-pjanti tal-permess dawn ma kienux inklużi u għalhekk, ma kienitx taf bihom madanakollu, għandu jsir kuntatt ma' din l-entita' sabiex jiġi konfermat li ser isir *full width re-instatement* tagħhom bħalma ntalab fir-rispett ta' Triq ir-Rebħa, minħabba li dawn huma toroq li saru wara s-sena 2001.

Mill-ġdid intervjena l-Kunsillier Ian Micallef u qal, li bir-rispett kollu lejn dak li qal il-Perit li kien qed iwassal għall-varjanzi fiż-żewġ toroq jiġifieri, dar il-ħmar, dawn kienu sitwazzjonijiet li kulħadd kien jaf bihom għaliex il-qadgħa tat-toroq kienet waħda viżiva u għalhekk prevista u sostna, li l-Kunsill kellu jkun infurmat qabel u mhux wara li jitlesta x-xogħol. Dan anke invista tal-fatt, li kull membru tal-Kunsill għandu responsabbilita' individwali fil-qagħdi ta' dmiru. Hu staqsa, x'kienet ir-raġuni l-għala ma ttieħditx l-istess deċiżjoni proċedurali fir-rispett ta' Triq Ponsonby bħalma dan il-Kunsill kien għamel fi Triq Coleridge meta kien hemm każ simili.

Il-Perit wieġeb li filwaqt li fi Triq Ponsonby ma setgħax jitwaqqaf ix-xogħol, kif kien diġa' spjega u l-livelli ma setgħux jinħarġu qabel ma saru l-bankini, kien hemm problemi mhux previsti kif ukoll, il-Kunsill kellu rappreżentant tiegħu fuq il-lant tax-xogħol. Hu kompla jgħid, li s-sodisfazzjon tiegħu kien li dak in-nhar stess tal-laqgħa kien għamel *site inspection* waqt li kienet niżla x-xita u t-triq ma żammet ebda ilma.

Iċ-*Chairman* intervjena u qal, li fuq din il-materja kellu jidħol fil-fond u jinvestiga;

> min ha d-deċiżjoni
> il-varjanzi minn fejn ħarġu

Invista tal-fatt, li kien sar ħafna ħin, iċ-*Chairman* issospenda temporanjament id-diskussjoni u talab lill-Kunsill jiddiskuti *items* Nru 4 – 9 – 10 u 11 filwaqt li *items* Nru: 3 u 8 jiġu trattati fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Wara li jiġu eżawriti l-*items* kif proposti għad-diskussjoni, tiġi konkluża d-diskussjoni skont *item 5* fuq l-*Agenda*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1** Tressqet l-Iskeda tal-Ħlasijiet Klg5/64 minn Nru:2534 sa Nru:2590 (ara *appendix* Nru: 3) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet minn Nru: 2534 sa Nru: 2590 ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**9. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet *GLC10/2011 Playing Field Equipment & GLC11/2011 Supply & Install of Outdoor Gym and Equipment***

**9.1** Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-laqgħa li kien għamel il-Kumitat *Ad Hoc* maħtur sabiex jiddiskuti, jevalwa u jressaq rakkomandazzjoni lill-Kunsill.

Is-sottomettenti għall-*GLC10/2011* kienu:

*JGC Ltd – M.Quip – OPAL*

Is-sottomettenti għall-*GLC11/2011* kienu:

*JGC Ltd – OPAL*

Wara d-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li abazi tar-rakkomandazzjonijiet kif elenkati mill-Kumitat rakkomandattiv, iż-żewġ offerti għandhom jintrebħu mid-ditta *JGC Ltd* (ara *appendix* Nru: 4).

**10. Diskussjoni u Approvazzjoni t'Attivitajiet skont *Memo 89/2011* b'risq il-*Community Chest Fund***

**10.1** Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Malcolm Camilleri għandu jkun responsabbli minn dawn l-attivitajiet kif ukoll, iċ-*Chairman* issuġġerixxa li l-Kunsillier hawn fuq imsemmi jagħmel kuntatt mas-Sur Tyrone Demanuele sabiex bħal ma sar fis-sena preċedenti, jiġi organizzat *football tournament* mill-*Gżira United Football Club* li d-dħul minnu jmur għall-*Community Chest Fund*.

**11. Diskussjoni dwar il-Patt tas-Sindki**

**11.1** Minkejja l-fatt, li kif infurmat is-Segretarju Eżekuttiv li l-ġurnata sa meta l-Kunsill kellu jissottometti jekk kienx interessat jew le li jattendi għall-konferenza fi Brussel kienet skadiet, iċ-*Chairman* informa, li hu xorta waħda kien tal-fehma li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex isir dak kollu possibbli biex dan il-Kunsill jattendi. Hu nforma li kien qed jinnomina lill-Viċi-Sindku biex jirrappreżenta lil dan il-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.2** Il-Kunsillier Ian Micallef telaq fit-8.10 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**12. Affarijiet Oħra**

**12.1** Invista tal-fatt, li l-Kumitat *Ad Hoc* iddiskuta wkoll, il-kwotazzjonijiet *GLC12/2011 – Christmas Lights Decorations* u *GLC13/2011 – Supply & Installation of 25 Litter Bins*, iċ-*Chairman* talab lis-Segretarju Eżekuttiv tressaq ir-rapport imħejji.

Fir-rispett ta' *GLC12/2011*, Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-sottomissjonijiet kienu tnejn li kienu:

*Victor Tedesco – Soċjeta' Filarmonika Stella Maris*

Hi kompliet tgħid, li l-Kumitat informa li xtaq aktar dettal u għalhekk, qabel ma jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu xtaq jiltaqa' magħhom.

Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kumitat madanakollu, ġie deċiż ukoll, li invista tal-fatt, li ma kienx hemm żmien bizzejjed biex il-materja tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Diċembru 2011, insegwitu tal-laqgħa mas-sottomettenti, l-minuti bir-rakkomandazzjoni għandhom jiġu ċirkulati lill-membri kollha u b'hekk tkun tista' tittieħed deċiżjoni u tinħareġ il-*Letter of Acceptance*.

*GLC13/2011 – Supply & Installation of 25 Litter Bins* – Is-sottomettenti għal din il-kwotazzjoni kienu:

*BE Independent – Cast Iron Products (Anton Zarb) – Glenn Dalli Hili – OPAL – Airion Foundry Ltd – Spot On Supplies – JGC Ltd – M.Quip*

Ingħata rendikont tad-diskussjoni mill-Kumitat *Ad Hoc* inkluż ir-raġunijiet tar-rakkomandazzjoni tagħhom. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li din il-kwotazzjoni tintrebaħ mid-ditta *Cast Iron Products* (Anton Zarb) kif irrakkomandat (ara *appendix* Nru:5).

**12.2** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa tiġi diskussa u dan minħabba l-fatt, li titratta proposta sabiex il-Kunsill jixtri l-Presepju li qabel kien jintrama' fuq iz-zuntier, materja, li ma setgħetx tiġi trattata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Wara li saret id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jilqa' l-proposta u jinxtara l-Presepju għall-prezz ta' €300 sakemm il-Kappillan ikun jista' joħroġ fattura u riċevuta fiskali għal din in-nefqa.

## 5. Konklużjoni tad-Diskussjoni dwar *Tender GLC003/2010 P.P.P.*

Iċ-*Chairman* kompla billi qal, li l-Kunsill għandu jara li jġib l-approvazzjonijiet neċessarji u laqa' s-suġġeriment tal-Viċi-Sindku li l-ġurnata segwenti tal-laqgħa hu (Viċi-Sindku) flimkien mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur jiltaqgħu sabiex titħejja stima tal-varjazzjonijiet għal Triq Stuart liema stima, trid tkun approvata mill-kuntrattur.

Hu kompla jgħid, li għandu jitwaqqaf Kumitat t'emerġenza ffurmat minnu, bħala Sindku, mill-Viċi-Sindku li għandu jkun iċ-*Chairman* tiegħu u preferibbilment mill-Kunsillier Ian Micallef sabiex jinvestigaw dwar il-varjazzjonijiet u min iddeċidihom.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet rrimarkat li l-Kunsill għandu jassigura li x-xogħlijiet isiru skont il-proċeduri finanzjarji.

Iċ-*Chairman* kkonkluda billi qal, li filwaqt li l-Viċi-Sindku għandu jibqa' l-*focal point* ta' dan il-kuntratt madanakollu, l-ebda membru tal-Kunsill m'għandu jieħu xi deċiżjoni iżda, kull materja relatata ma' dan il-kuntratt, għandha tgħaddi għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tiegħu u tiġi ċċirkulata lill-membri kollha tal-Kunsill.

## 13. Laqgħa Oħra

**13.1** Minħabba ċ-ċirkustanza ta' kif żviluppaw l-affarijiet fit-toroq Stuart u Ponsonby, iċ-*Chairman* qal, li d-deċiżjoni dwar meta ser tissejjaħ il-laqgħa li jmiss, għandha tiġi komunikata aktar 'l quddiem u dan anke invista tal-fatt, li kien hemm il-probabilita' li tissejjaħ laqgħa urġenti sabiex jiġu diskussi aktar rapporti partikularment fir-rispett ta' Triq Stuart u dan insegwitu tad-direttivi li l-Kunsill irid jirċievi mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali.

Dott Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **u. Klg5/64**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg5/64 16.11.2011** **Data:** **13.10.2011 - 16.11.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Cleaning Services On Sundays - Aug 2011 | 22.09.2011 | 11/2140 | 2534 | | | 7421 |
| 2 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | Cleaning Services - August 2011 | 22.09.2011 | 11/2141 | 2535 | | | 7422 |
| 3 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Cleaning Services on Sundays - Sept. 2011 | 03.10.2011 | 11/2152 | 2536 | | | 7423 |
| 4 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | Cleaning Services - Sept. 2011 | 03.10.2011 | 11/2153 | 2537 | | | 7424 |
| 5 | Alfa Co. Ltd | €97.14 | €97.14 | D | Rentals & Copies 13.08.11 - 12.09.11 | 30.09.2011 | 75008 | 2538 | | | 7430 |
| 6 | Alfa Co. Ltd | €60.19 | €60.19 | D | Rentals & Copies 01.09.11 - 30.09.11 | 30.09.2011 | 75009 | 2538 | | | 7429 |
| 7 | S. Rausi Trading | €52.98 | €17.98 | D | Drinking Water for Office | 07.10.2011 | 11146377 | 2539 | | | 7431 |
| 8 | S. Rausi Trading | €52.98 | €17.98 | D | Drinking Water for Office | 07.11.2011 | 21088081 | 2539 | | | 7431 |
| 9 | The Toolbox | €2.09 | €2.09 | D | Bostik for Public Library | 05.10,2011 | 10593 | 2540 | | | 7432 |
| 10 | The Toolbox | €56.88 | €56.88 | D | Maint for Public Library | 11.10.2011 | 10603 | 2540 | | | 7432 |
| | The Toolbox | €11.55 | €11.55 | D | Main Pavement in Carlo Manche' | 25.10.2011 | 10628 | 2540 | | | 7432 |
| 12 | Joe Bugeja & Assoc | €41.24 | €41.24 | T | Arch Services - Sept. 2011 | 11.10.2011 | RFP827 | 2541 | | | 7415 |
| 13 | GO plc | €90.12 | €90.12 | D | Calls Sept. Rent Oct 2011 tel:334254/341034 | 14.10.2011 | 26721484 | 2542 | | | 7388 |
| 14 | GO plc | €25.03 | €25.03 | D | Calls Sept. Rent Oct 2011 tel: 21341616 | 11.10.2011 | 26721487 | 2543 | | | 7389 |
| 15 | GO plc | €58.57 | €58.57 | D | Calls Sept. Rent Oct 2011 tel: 21322157 | 11.10.2011 | 26722038 | 2544 | | | 7390 |
| 16 | GO plc | €22.02 | €22.02 | D | Calls Aug Rent Sept 2011 tel: 21341616 | 16.09.2011 | 26575669 | 2545 | | | 7391 |
| 17 | Dept of Information | €25.48 | €25.48 | D | Gov Gazz Quot glc12/2011 & glc13/2011 | 17.10.2011 | | 2546 | | | 7392 |
| 18 | Alfa Co. Ltd | €5.50 | €5.50 | D | Eco tax toner | 30.09.2011 | 75220 | 2547 | | | 7433 |
| 19 | Venture Trading | €22.12 | €22.12 | D | Stationery | 24.10.2011 | 017691 | 2548 | | | 7434 |
| 20 | Melita plc | €239.24 | €239.24 | D | Hello Service 08.10.11 - 07.11.2011 | 08.10.2011 | 31175353 | 2549 | | | 7396 |
| | **Sub Total c/f** | | **€10,727.87** | | | | | | | | |
| | **Total** | | **€10,727.87** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Skeda Nru. Klg5/64**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 13.10.2011 - 16.11.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Joe Bugeja & Assoc | €312.36 | €312.36 | T | | C/M fee Ponsonby & Stuart pavement works | 11.10.2011 | RFP 828 | 2550 | | | 7416 |
| 22 | J.F. Mallia Ltd | €502.17 | €502.17 | D | | Main Dawl Monument & Ix-Xatt | 20.10.2011 | 644 | 2551 | | | 7435 |
| 23 | J.F. Mallia Ltd | €40.50 | €40.50 | D | | Main Dawl Fleet Street | 20.10.2011 | 647 | 2551 | | | 7435 |
| 24 | J.F. Mallia Ltd | €262.51 | €262.51 | D | | Street Light Job No: 207/208/209/210 | 31.10.2011 | 653 | 2551 | | | 7435 |
| 25 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €325.82 | €325.82 | T | | Road Markings as per Job No: 11061 | 15.09.2011 | 15410 | 2552 | | | 7436 |
| 26 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €168.50 | €168.50 | T | | Road Markings as per Job No: 11062 | 15.09.2011 | 15413 | 2553 | | | 7437 |
| 27 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €130.34 | €130.34 | T | | Road Markings as per Job No: 11063 | 15.09.2011 | 15414 | 2554 | | | 7438 |
| 28 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €601.93 | €601.93 | T | | Road Markings as per Job No: 10942 | 28.09.2011 | 15440 | 2555 | | | 7439 |
| 29 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €839.69 | €839.69 | T | | Road Markings as per Job No: 10946 | 29.09.2011 | 15444 | 2556 | | | 7440 |
| 30 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €57.80 | €57.80 | T | | Road Markings as per Job No: 10947 | 29.09.2011 | 15445 | 2557 | | | 7441 |
| 31 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Craft Lessons for the month of October 2011 | 31.10.2011 | 24 | 2558 | | | 7397 |
| 32 | Joe Bonnici & Sons | €329.22 | €329.22 | K | | Hire of Mobile Toilets - October 2011 | 31.10.2011 | 6295 | 2559 | | | 7442 |
| 33 | Environmental L/Scapes Cons | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Main of Soft Areas - October 2011 | 31.10.2011 | 7950 | 2560 | | | 7443 |
| 34 | Dept of Information (OPM) | €142.50 | €142.50 | D | | Advert GLC12/2011 & GLC13/2011 M. Indep | 16.10.2011 | | 2561 | | | 7398 |
| 35 | ARMS LTD | €17.13 | €17.13 | D | | W&E Activities Centre 11.06.11 - 22.08.2011 | 07.10.2011 | 14219216 | 2562 | | | 7444 |
| 36 | G4S Security Services Malta | €68.49 | €68.49 | D | | Cash In Transit - October 2011 | 31.10.2011 | GS003746 | 2563 | | | 7445 |
| 37 | MITA | €29.82 | €29.82 | D | | e-mail accounts Councillors Jul - Sept 2011 | 31.10.2011 | SIN025541 | 2564 | | | 7446 |
| 38 | Squire Bookshop | €48.20 | €48.20 | D | | Newspapers for the month of October 2011 | 31.10.2011 | 8975 | 2565 | | | 7447 |
| 39 | Maltapost plc | €100.00 | €100.00 | D | | stamps | 08.11.2011 | | 2566 | | | 7404 |
| 40 | WasteServ Malta Ltd | €3,284.00 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste Sept. 2011 | 15.10.2011 | 12705 | 2567 | | | 7448 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€9,848.90** | **€9,848.90** |
| **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€10,727.87** |
| **Total** | **€9,848.90** | **€20,576.77** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 13.10.2011 - 16.11.2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Best Wishes | €35.15 | €35.15 | D | | Stationery | 29.07.2011 | 2397742 | 2568 | | | 7425 |
| 42 | Best Wishes | €48.45 | €48.45 | D | | Stationery | 07.09.2011 | 2397744 | 2569 | | | 7426 |
| | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck food - October 2011 | 31.10.2011 | 30 | 2570 | | | 7450 |
| 43 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck food - November 2011 | Nov.2011 | 31 | 2571 | | | 7451 |
| 44 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Craft Lessons - November 2011 | 01/11/11 | 25 | 2572 | | | 7452 |
| 45 | Emmanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - October 2011 | 31.10.2011 | 99 | 2573 | | | 7417 |
| 46 | Emmanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - October 2011 | 31.10.2011 | 100 | 2574 | | | 7418 |
| 47 | Emmanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - October 2011 | 31.10.2011 | 1 | 2575 | | | 7419 |
| 48 | Emmanuel Mifsud | €881.32 | €881.32 | T | | Bulky Refuse - September 2011 | 31.10.2011 | 2 | 2576 | | | 7420 |
| 49 | J.&K.Contractors Ltd | €190.00 | €190.00 | T | | Pavements 124/126 The Strand Manhole | 05.09.2011 | 1201-11 | 2577 | | | 7408 |
| 50 | J&K. Contractors Ltd | €6,952.40 | €6,952.40 | T | | Pavement - Triq Giacint Tua | 24.10.2011 | 1205-11 | 2578 | | | 7409 |
| 51 | J&K. Contractors Ltd | €11,383.20 | €11,383.20 | T | | Pavement Triq Belvedere | 24.10.2011 | 1206-11 | 2579 | | | 7410 |
| 52 | J&K. Contractors Ltd | €261.74 | €261.74 | T | | Maint Pavements 107 Nazju Ellul | 27.10.2011 | 1207-11 | 2580 | | | 7411 |
| 53 | J&K. Contractors Ltd | €849.25 | €849.25 | T | | Pavement wrks mwp03/2011 refers | 31.10.2011 | 1210-11 | 2581 | | | 7412 |
| 54 | J&K. Contractors Ltd | €1,211.63 | €1,211.63 | T | | Pavement wrks mwp02/2011 refers | 31.10.2011 | 1211-11 | 2582 | | | 7413 |
| 55 | J&K. Contractors Ltd | €38.95 | €38.95 | D | | Supply of cement & sand | 31.10.2011 | 1212-11 | 2583 | | | 7414 |
| 56 | J&K. Contractors Ltd | €1,850.18 | €1,850.18 | T | | Patching wrks mwp02/03/04/2011 | 31.10.2011 | 1214-11 | 2584 | | | 7459 |
| 57 | Venture Trading | €44.25 | €44.25 | D | | Stationery | 08.11.2011 | 17808 | 2585 | | | 7449 |
| 58 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Cleaning Services on Sundays - October 2011 | 14.11.2011 | 11/2233 | 2586 | | | 7453 |
| 59 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Cleaning Services - October 2011 | 14.11.2011 | 11/2234 | 2587 | | | 7455 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€36,041.50** | **€36,041.50** |
| **Sub Total b/f** | **€9,848.90** | **€20,576.77** |
| **Total** | **€45,890.40** | **€56,618.27** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 13.10.2011 - 16.11.2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 | SRF Cleaning Services | €93.17 | €93.17 | T | | Cleaning Services - Festa 10.07.2011 | 14.11.2011 | 11/2235 | 2588 | | | 7456 |
| 61 | SRF Cleaning Services | €4,535.29 | €4,535.29 | T | | Sweeping Seafront nights - 19.07.- 01.10.2010 | 11.11.2011 | 11/2231 | 2589 | | | 7457 |
| 62 | SRF Cleaning Services | €1,994.20 | €1,994.20 | T | | Sweeping Seafront nights - 26.08 - 30.09.2011 | 11.11.2011 | 11/2232 | 2590 | | | 7458 |
| 63 | | | | | | | | | | | | |
| 64 | | | | | | | | | | | | |
| 65 | | | | | | | | | | | | |
| 66 | | | | | | | | | | | | |
| 67 | | | | | | | | | | | | |
| 68 | | | | | | | | | | | | |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€6,622.66** | **€6,622.66** |
| **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€56,618.27** |
| **Total** | **€6,622.66** | **€63,240.93** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier